DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-10 ta' Lulju 2007

dwar l-iskema ta' l-Italja ta' għajnuna mill-Istat favur is-settur tan-navigazzjoni f'Sardinja C 23/96 (NN 181/95) u C 71/1997 (N 144/97)

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 3257)

(Il-verżjoni Taljana biss hija awtentika)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/92/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 88(2), l-ewwel subparagrafu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a),

Wara li talbet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom f'konformità ma' l-Artikoli msemmija hawn fuq,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) B'ittra ta' l-24 ta' Ġunju 1996 ([1]), il-Kummissjoni kkomunikat lill-awtoritajiet Taljani d-deċiżjoni tagħha li tniedi proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 88(2), tat-Trattat li jistabbilixxi l-KE (li qabel kien l-Artikolu 93(2)) fir-rigward ta' skema illegali ta' għajnuna li ġiet implimentata mir-reġjun ta' Sardinja favur kumpaniji ta' trasport bil-baħar li jixtiequ jibnu, jixtru, jittrasformaw, jimmodifikaw jew isewwu bastimenti (minn hawn 'il quddiem "skema oriġinali ta' għajnuna").

(2) Wara li nbdiet il-proċedura, il-gvern Taljan bagħat il-kummenti tiegħu stess lill-Kummissjoni b'ittra tal-31 ta' Ottubru 1996 (DĠ VII-Trasport A/23443). L-awtoritajiet tar-reġjun ta' Sardinja bagħtu l-kummenti tagħhom bl-ittri tal-11 ta' Ottubru 1996 (DĠ VII-Trasport A/21870) u tat-22 ta' Jannar 1997. La l-Istati Membri l-oħrajn lanqas il-partijiet terzi interessati ma bagħtu l-kummenti fiż-żmien stabbilit ta' xahar mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ta' tnedija tal-proċedura. Madankollu, ta' min wieħed isemmi li xi whud mill-partijiet terzi interessati bagħtu l-kummenti tagħhom wara l-iskadenza taż-żmien stabbilit imsemmi hawn fuq.

(3) Nhar il-21 ta' Ottubru 1997, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 98/95/KE, li tistabbilixxi l-inkompatibiltà ta' l-iskema ta' għajnuna kkonċernata mas-suq komuni ([2]). Nhar it-12 ta' Novembru 1997 (SG (97) D/9375), din id-Deċiżjoni ġiet ikkomunikata lill-awtoritajiet Taljani.

(4) B'ittra ta' l-14 ta' Novembru 1997, il-Kummissjoni infurmat lill-awtoritajiet Taljani bid-deċiżjoni tagħha li tniedi l-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (qabel kien l-Artikolu 93(2)) dwar il-liġi reġjonali ta' Sardinja Nru 9 tal-15 ta' Frar 1996 li timmodifika l-iskema oriġinali ta' għajnuna li ġiet implimentata favur kumpaniji ta' trasport bil-baħar ([3]). L-awtoritajiet Taljani ssottomettew il-kummenti tagħhom nhar is-16 ta' Jannar 1998 (DĠ VII-Trasport A/1221) u nhar it-23 ta' Diċembru 1997 (DĠ VII-Trasport A/144). La l-Istati Membri l-oħrajn, lanqas il-partijiet terzi interessati ma ssottomettew il-kummenti tagħhom fiż-żmien stabbilit ta' xahar mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ta' tnedija tal-proċedura.

(5) Permezz tas-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2000, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (is-sentenza tar-*Repubblika Taljana u ta' Sardegna Lines – Servizi Marittimi della Sardegna S.p.A. / il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej*, il-kawżi rriunifikati C-15/98 u C-105/99) ([4]) invalidat id-Deċiżjoni 98/95/KE minħabba insuffiċjenza ta' motivazzjonijiet fir-rigward ta' l-eżistenza ta' distorsjoni tal-kummerċ ġewwa l-Komunità.

(6) Wara ittra tal-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2006 (D 2006 224962) li fiha ntalab tagħrif lill-awtoritajiet Taljani, intbagħtet tweġiba permezz tal-posta elettronika nhar it-8 ta' Marzu 2007 (TRENA/26193).

2. DESKRIZZJONI TA' L-ISKEMA

2.1. L-iskema oriġinali

(7) Wara li tressqet akkuża fl-1993, il-Kummissjoni kisbet għarfien dwar skema ta' għajnuna li ġiet implimentata mir-reġjun ta' Sardinja favur kumpaniji ta' trasport bil-baħar bil-għan li jibnu, jixtru, jittrasformaw jew isewwu l-bastimenti. Din l-iskema kellha x'taqsam, b'mod partikolari, ma' self u ma' kiri finanzjarju, li kienu jiġu konċessi taħt kondizzjonijiet konċessjonarji, li għall-bidu kienu jinħatawlaw biss lill-kumpaniji li kellhom l-uffiċċju rreġistrat, id-domiċilju fiskali u l-port ta' l-armamenti fit-territorju tar-reġjun ta' Sardinja.

([1]) C 23/96 (NN 181/95), ĠU C 368, 6.12.1996, p. 2.
([2]) ĠU L 20, 27.1.1998, p. 30.
([3]) C 71/97 (NN 144/97), ĠU C 386, 20.12.1997.
([4]) Rapporti tal-Qorti Ewropea 2000, paġni I-08855.

Il-Liġi reġjonali Nru 20 tal-15 ta' Mejju 1951 immodifikata mil-Liġi Nru 15 tal-11 ta' Lulju 1954

(8) L-iskema kkonċernata ġiet stabbilita mil-Liġi reġjonali ta' Sardinja Nru 20 tal-15 ta' Mejju 1951 (minn hawn 'il quddiem "il-Liġi Nru 20/1951"), li sussegwentement ġiet immodifikata mil-Liġijiet reġjonali Nru 15 tal-11 ta' Lulju 1954 (minn hawn 'il quddiem "il-Liġi Nru 15/1954") u Nru 11 ta' l-4 ta' Ġunju 1988 (minn hawn 'il quddiem "il-Liġi Nru 11/1988"). Il-Liġi Nru 20/1951, li ġiet immodifikata mil-Liġi Nru 15/1954, kienet tipprevedi li jkun stabbilit fond iddestinat lejn il-konċessjoni ta' self lill-kumpaniji ta' trasport bil-baħar bil-għan li jibnu, jixtru, jittrasformaw jew li jsewwu bastimenti. Dan is-self seta' jingħata biss lil kumpaniji li kellhom l-uffiċċju rreġistrat, id-domiċilju fiskali u l-port ta' l-armamenti fit-territorju tar-reġjun ta' Sardinja.

(9) Dan is-self ma setax jaqbeż l-20 % ta' l-investiment fil-każ ta' xogħlijiet ta' bini, trasformazzjoni jew ta' tiswija li għalihom l-applikant ikun diġà ġie rrikonoxxut li jibbenefika minn għajnuna f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali dak iż-żmien fis-seħħ. Fil-każ fejn ma tkun ġiet ipprovduta ebda għajnuna f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, is-self ma setax jaqbeż is-60 % ta' l-investiment.

(10) Skond il-Liġi Nru 20/1951, l-imgħaxijiet, il-kummissjoni u l-ispejjeż relatati mas-self ma setgħux jaqbżu l-4,5 % fis-sena ta' l-ammont totali tas-self anki f'każ li kieku l-kumpanija benefiċjarja tkun diġà rċeviet għajnuna f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u t-3,5 % fil-każijiet l-oħrajn kollha (tnaqqis medju ta' l-imgħaxijiet ekwivalenti għal 10 sa 12-il punt perċentwali). Il-kapital kellu jiġi rrimborżat f'termini ta' mhux iktar minn 12-il annwalità mit-tielet sena wara t-tħaddim tal-bastiment li għalih ikun ġie konċess is-self.

Il-Liġi reġjonali Nru 11 ta' l-4 ta' Ġunju 1988

(11) Il-Liġi Nru 11/1988, l-Artikoli 99 u 100, introduċiet modifiki sostanzjali fl-iskema ta' għajnuna, iżda dawn il-modifiki ma ġewx innotifikati lill-Kummissjoni. L-iskema ta' għajnuna kif kienet ġiet immodifikata, għaldaqstant kienet tikkostitwixxi għajnuna mhux innotifikata.

(12) Żdiedu l-kondizzjonijiet li ġejjin flimkien ma' dawk previsti mil-Liġi Nru 20/1951, għall-konċessjoni ta' għajnuna lill-kumpaniji benefiċjarji:

"a) li l-kumpanija jkollha b'mod permanenti, f'waħda mill-ibliet marittimi tar-reġjun, l-uffiċċju rreġistrat prinċipali u attwali, il-kwartieri ġenerali amministrattivi u l-port ta' l-armamenti, kif ukoll, f'każ li jkollha, l-imħażen prinċipali, id-deposti u t-tagħmir aċċessorju;

b) li l-bastimenti kollha li huma proprjetà tal-kumpanija jkunu rreġistrati fil-portijiet ta' reġistrazzjoni tar-reġjun;

c) il-kumpanija tagħmel użu mill-portijiet tar-reġjun bħala ċentru ta' l-attività ta' bastimenti tagħha stess, filwaqt li tagħmilhom l-ewwel post fejn normalment jieqaf bastiment waqt vjaġġ bħala parti minn dawk l-attivitajiet, u, fil-każ li tipprovdi servizzi regolari, dawn għandhom jintemmu jew b'mod regolari jieqfu f'wieħed jew iktar minn dawk il-portijiet;

d) li l-kumpanija tikkommetti ruħha li twettaq xogħol ta' tiswija fil-portijiet tar-reġjun, sakemm it-tarzni jkollhom il-kapaċità operattiva u ma jkun hemm ebda motivazzjoni ulterjuri, esiġenzi ta' kiri li ma jistgħux jiġu evitati jew restrizzjonijiet ovvji ekonomiċi jew f'termini ta' żmien;

e) li, fir-rigward ta' l-ekwipaġġ ta' bastimenti b'tunnellaġġ gross ta' iktar minn 250 tunnellata, il-kumpanija għandha tikkommetti ruħha li tistabbilixxi roster partikolari li jinkludi l-kategoriji kollha ta' baħrin meħtieġa għall-ekwipaġġ tal-bastiment li għalih kienet qiegħda titlob l-għajnuna, billi tagħmel użu biss mill-membri ta' l-ekwipaġġ irreġistrati fir-roster ġenerali tax-xogħol tal-port ta' l-armamenti, u li tieħu minn dawk ir-rosters l-ekwipaġġ kollu meħtieġ, kemm ġenerali kif ukoll partikolari, filwaqt li l-uniċi restrizzjonijiet ikunu r-regolamenti nazzjonali dwar l-impjieg ta' baħrin".

(13) Il-Liġi Nru 11/1988 introduċiet ukoll il-possibiltà għall-awtoritajiet ta' Sardinja li jikkonċedu kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-kera finanzjarja fejn kumpanija ta' trasport bil-baħar tkun għażlet dan il-mezz ta' finanzjament minflok self. Din il-kontribuzzjoni hija ekwivalenti għall-valur tad-differenza bejn l-imgħax li fil-fatt huwa dovut fuq is-self li jiġi kkalkulat f'termini tar-rata ta' l-imgħax ta' referenza fis-suq għal self fir-rigward ta' bastimenti fl-Italja, u l-imgħax dovut fuq self ta' ammont ekwivalenti kkalkulat fuq rata ta' 5 % (differenza li tirrappreżenta tnaqqis medju tar-rata ta' l-imgħax ta' madwar 10 punti perċentwali).

(14) Ladarba jintemm il-kuntratt, il-bastiment li għalih tkun tħallset il-kontribuzzjoni jista' jinxtara mill-kerrej għal ammont ekwivalenti għal 1 % tal-prezz tax-xiri. Skond l-awtoritajiet Taljani (l-ittra tal-5.6.1988 u t-tweġiba ta' l-1.7.1998), skond il-Liġi Nru 11/1988 ma ġie ffirmat ebda ftehim ta' kiri finanzjarju.

(15) Mit-tagħrif li għandha l-Kummissjoni, mid-dħul fis-seħħ ta' l-iskema oriġinali ta' għajnuna, ġie konċess self ekwivalenti għal ammont totali ta' ITL 12 697 450 000 (madwar EUR 6,5 miljun). L-aħħar finanzjament ittieħdet deċiżjoni dwaru f'Diċembru 1991.

(16) Fl-aħħar ittra tagħhom tat-8.3.2007, l-awtoritajiet Taljani jsostnu li l-finanzjamenti li ġew konċessi skond il-Liġi ta' l-1988 kellhom x'jaqsmu max-xiri ta' bastimenti b'tunnellaġġ gross li jinkludi bejn l-24 u l-138 tunnellata; dawn il-bastimenti kienu prinċipalment iddestinati għal attivitajiet ta' trasport marittimu kostali f'suq li dak iż-żmien kien għadu m'huwiex miftuħ għall-kompetizzjoni.

2.2. **Dubji li tqajmu dwar l-iskema oriġinali ta' għajnuna li hija s-suġġett tal-proċedura C 23/96**

(17) Fil-parti inizjali tal-proċedura, nhar l-24 ta' Ġunju 1996, il-Kummissjoni, ibbażata fuq it-tagħrif li għandha għaddispożizzjoni tagħha, esprimiet dubji serji dwar il-kompatibiltà ta' l-għajnuna mas-suq komuni minħabba l-motivazzjonijiet li ġejjin:

— l-iskema ta' għajnuna kienet tinkludi regolamenti diskriminatorji fuq bażi tan-nazzjonalità minħabba li, fost il-kondizzjonijiet għall-konċessjoni ta' l-għajnuna, kien previst li l-kumpaniji benefiċjarji kellhom jimpjegaw l-ekwipaġġ tal-bastimenti mir-reġjun ta' Sardinja;

— l-iskema kienet f'konflitt mal-prinċipju tal-libertà ta' stabbiliment minħabba li l-għajnuna, fost affarijiet oħrajn, kienet suġġetta għall-kondizzjoni li l-uffiċċju rreġistrat tal-kumpaniji benefiċjarji kellu jkun f'Sardinja;

— l-iskema kienet tinkludi għajnuna li titqiegħed fis-seħħ sabiex isservi ta' inċentiv għall-investimenti fil-bastimenti skond kondizzjonijiet li setgħu jinvolvu vjolazzjonijiet tar-regolamenti Komunitarji.

2.3. **L-iskema mmodifikata mil-Liġi Nru 9 tal-15 ta' Frar 1996**

(18) Bil-għan li l-Liġi Nru 20/1951 tkun kompatibbli mal-liġi Komunitarja u mad-direttivi kkonċernati, bis-saħħa tal-Liġi reġjonali Nru 9 tal-15 ta' Frar 1996 (minn hawn 'il quddiem "il-Liġi Nru 9/1996"), l-awtoritajiet reġjonali mmodifikaw l-iskema oriġinali ta' għajnuna kif ġej:

a) l-elementi diskriminatorji fuq bażi tan-nazzjonalità ġew aboliti;

b) ġiet introdotta kondizzjoni ġdida li fuq il-bażi tagħha se tingħata preferenza lil mezzi innovattivi ta' trasport u lil teknoloġija avvanzata;

c) ġew introdotti modifiki tekniċi: iż-żmien tas-self/talkiri finanzjarju ma setax jaqbeż it-tnax-il sena u dawn kellhom ikunu inqas minn 70 % ta' l-ispejjeż antiċipati, b'massimu ta' ITL 40 biljun (madwar EUR 20 miljun) għal kull bastiment; l-għajnuna tiġi konċessa taħt l-għamla ta' kontribuzzjoni fuq l-imgħax ekwivalenti għad-differenza bejn ir-rata ta' ħlas ta' dejn ikkalkulata fuq ir-rata ta' referenza għal self lis-settur tan-navigazzjoni fl-Italja u dik ikkalkulata fuq rata ekwivalenti għal 36 % ta' l-istess rata ta' referenza;

d) ġiet introdotta sistema li tista' tivverifika li l-għajnuna ma tiġix konċessa darbtejn (mill-awtoritajiet nazzjonali u mill-awtoritajiet reġjonali) għall-istess self/kiri finanzjarju.

2.4. **Dubji li ġew espressi fl-ambitu tal-proċedura C 71/97**

(19) Fid-deċiżjoni tagħha ta' l-14 ta' Novembru 1997 il-Kummissjoni, filwaqt li nnutat il-fatt li l-iskema nnotifikata ta' għajnuna ma kenitx tinkludi iktar dispożizzjonijiet li kienu jinvolvu diskriminazzjoni fuq bażi tal-vjolazzjoni tad-dritt ta' stabbiliment, uriet dubji serji dwar il-kompatibiltà tal-modifiki mas-suq komuni minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

— riskju ta' konflitti mar-regolamenti Komunitarji dwar il-bini ta' bastimenti dak iż-żmien fis-seħħ ([5]),

— avversità ta' l-iskema ta' għajnuna fir-rigward tal-linji gwida dak iż-żmien fis-seħħ fil-qasam ta' l-għajnuna mill-Istat lit-trasport marittimu ([6]),

— eżistenza ta' għajnuna illegali għall-operat, li tiġi attribwita fl-għamla ta' kiri finanzjarju b'kondizzjonijiet konċessjonarji għax-xiri ta' bastimenti.

2.5. **Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/95/KE**

(20) Permezz tad-Deċiżjoni 98/95/KE, il-Kummissjoni, mingħajr ma tat l-opinjoni tagħha dwar il-modifiki li saru wara, ikkwalifikat bħala għajnuna mill-Istat l-għajnuna li ġiet konċessa f'konformità ma' l-iskema oriġinali, minħabba l-fatt li: a) "il-kumpaniji benefiċjarji tneħħielhom piż finanzjarju li normalment ikollhom jerfgħu (ir-rata ta' l-imgħax tas-suq u spejjeż oħrajn relatati fuq is-self u l-kiri finanzjarju); b) dan il-piż jitħallas mir-riżorsi ta' l-Istat (b'mod partikolari mill-awtoritajiet reġjonali); c) l-għajnuna hija selettiva (minħabba li hija rriservata b'mod esklussiv għall-kumpaniji ta' trasport bilbaħar); d) l-għajnuna taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri."

([5]) Id-Direttiva tal-Kunsill 90/684/KEE tal-21 ta' Diċembru 1990 dwar l-għajnuna għall-bini tal-bastimenti, (ĠU L 380, 31.12.1990) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3094/95 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar l-għajnuna mill-istat għall-bini tal-bastimenti, (ĠU L 332, 30.12.1995), immodifikat mir-Regolament (KE) Nru 1904/96, (ĠU L 251, 3.10.1996).

([6]) Miżuri finanzjarji u fiskali relatati mal-ħidma ta' bastimenti rreġistrati fil-Komunità, SEC(89) 921, 3.8.1989 u linji gwida Komunitarji fil-qasam ta' l-għajnuna mill-Istat lit-trasport marittimu, (ĠU C 205, 5.7.1997).

(21) Fir-rigward ta' l-ittra d), fid-deċiżjoni ta' tnedija tal-proċedura ġie nnutat li "iktar minn 90 % tal-merkanzija li toriġina mill-Istati Membri tiġi ttrasportata lejn Sardinja bil-baħar u li iktar minn 90 % tal-merkanzija li toriġina minn Sardinja tiġi ttrasportata lejn l-Istati Membri bl-istess mod. Barra minn hekk, ġie nnutat li 65 % tat-traffiku turistiku (passiġġiera u vetturi) bejn l-Istati Membri u Sardinja huwa mmaniġġjat minn kumpaniji ta' trasport bil-baħar." Barra minn hekk il-Kummissjoni nnutat li, l-awtoritajiet Taljani, fil-kummenti tagħhom ma kkontestawx dawn il-fatti, lanqas il-kwalifikazzjoni ta' l-iskema ta' għajnuna bħala għajnuna mill-Istat skond l-Artikolu 92(1).

(22) Fid-dawl ta' kulma ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li:

a) l-għajnuna finanzjarja li ġiet konċessa f'konformità mal-Liġi Nru 11/1988 kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skond l-Artikolu 92(1), tat-Trattat (issa l-Artikolu 87(1)),

b) l-għajnuna ġiet konċessa bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 93(3), tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (l-Artikolu 88(3)), u

c) f'dan il-każ speċifiku ma setgħet tapplika ebda waħda mid-derogi previsti mill-Artikolu 92.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni ordnat li l-Italja tirkupra l-għajnuna illegali konċessa fuq il-bażi ta' l-iskema ta' għajnuna ta' l-1988 (l-Artikolu 2).

2.6. **Is-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2000 u l-konsegwenzi ġuridiċi tagħha**

(23) Permezz tas-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2000, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (is-sentenza tar-*Repubblika Taljana u ta' Sardegna Lines – Servizi Marittimi della Sardegna S.p.A. / il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej*, il-kawżi rriunifikati C-15/98 u C-105/99) [7] invalidat id-Deċiżjoni 98/95/KE minħabba insuffiċjenza ta' motivazzjonijiet fir-rigward ta' l-eżistenza ta' distorsjoni tal-kummerċ ġewwa l-Komunità.

(24) Il-Qorti kkontestat li l-Kummissjoni, filwaqt li llimitat ruħha li tiddikjara li l-għajnuna hija selettiva u rriservata għas-settur tan-navigazzjoni f'Sardinja; li t-trasport ta' merkanzija bejn il-kontinent u Sardinja jsir għal iktar minn 90 % bil-baħar u li t-trasport turistiku (passiġġieri flimkien mal-karozzi) isir għal 65 % minn kumpaniji ta' trasport bil-baħar, ma pprovdietx elementi relatati mal-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji marittimi ta' Sardinja u dawk stabbiliti fl-Istati Membri l-oħrajn. Skond il-Qorti, il-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, ma kkunsidratx iċ-ċirkostanza li, sa l-1 ta' Jannar 1999, il-kabotaġġ malgżejjer tal-Mediterran kien eskluż mil-liberalizzazzjoni tas-servizzi ta' trasport marittimu ġewwa l-Istati Membri.

(25) Fl-aħħar, il-Qorti nnutat li l-Kummissjoni, għalkemm aċċertat ruħha li l-iskema ta' għajnuna għall-proprjetarji ta' bastimenti ta' Sardinja kienet tikser il-prinċipji fundamentali tal-libertà ta' stabbiliment u tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni fuq bażi tan-nazzjonalità, ma kenitx qiegħda tibbaża ruħha fuq din il-vjolazzjoni sabiex turi d-distorsjoni tal-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(26) Is-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2000 iddeterminat il-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura formali ta' eżami li tnediet bid-deċiżjoni ta' l-24 ta' Ġunju 1996. Għaldaqstant, hija responsabiltà tal-Kummissjoni li tadotta deċiżjoni finali ġdida.

(27) Barra li tadotta deċiżjoni ġdida wara l-ikkanċellar mill-Qorti tad-Deċiżjoni 98/95/KE, il-Kummissjoni trid tagħti l-opinjoni tagħha dwar il-modifika ta' l-iskema li ġiet introdotta mil-Liġi Nru 9/1996, li hija s-suġġett tat-tnedija tal-proċedura ta' investigazzjoni ta' l-14 ta' Novembru 1997. Li kieku fiż-żmien opportun ħadet id-deċiżjoni li teżamina b'mod separat iż-żewġ skemi, il-Kummissjoni, fid-deċiżjoni preżenti, trid tagħmel eżami konġunt ta' l-istess skemi bil-għan li tiddetermina l-importanza kumplessiva tagħhom.

3. **KUMMENTI TA' L-ITALJA**

3.1. **Kummenti dwar l-iskema oriġinali ta' għajnuna ppreżentati fl-ambitu tal-proċedura C 23/96**

(28) Fl-ambitu tal-proċedura C 23/96, b'ittra tal-31 ta' Ottubru 1996, l-awtoritajiet Taljani infurmaw lill-Kummissjoni dwar il-modifiki li saru minnhom stess fl-iskema oriġinali ta' għajnuna sabiex din issir, fl-opinjoni tagħhom, kompatibbli mal-liġi Komunitarja. Il-modifika prinċipali kienet l-adozzjoni tal-Liġi reġjonali Nru 9/1996 li kienet tabolixxi d-dispożizzjonijiet diskriminatorji fuq bażi tan-nazzjonalità, kif ukoll dawk li kienu jiksru l-libertà ta' stabbiliment. Huma kkomunikaw ukoll lill-Kummissjoni li introduċew mekkaniżmu ta' kontroll immirat li jeskludi li l-għajnuna tiġi konċessa darbtejn (mill-awtoritajiet nazzjonali u mill-awtoritajiet reġjonali).

(29) Bl-ittri tal-11 ta' Ottubru 1996 u tat-22 ta' Jannar 1997, l-awtoritajiet reġjonali ġġustifikaw in-neċessità tal-miżuri li jirriżultaw mill-modifiki mil-Liġi Nru 9/1996, fost affarijiet oħrajn, bil-kondizzjonijiet ekonomiċi diffiċli ta' Sardinja, reġjun ikklassifikat fl-"objettiv I".

[7] Rapporti tal-Qorti Ewropea 2000, paġni I-08855.

3.2. **Kummenti dwar l-iskema mmodifikata ta' għajnuna ppreżentati fl-ambitu tal-proċedura C 71/97**

(30) F'dak li għandu x'jaqsam mal-kummenti ppreżentati fl-ambitu tal-proċedura C 71/97, l-awtoritajiet Taljani wrew l-ewwel u qabel kollox l-impossibiltà ta' għarfien tar-regolamenti Komunitarji li rreferiet għalihom il-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha ta' tnedija tal-proċedura ta' investigazzjoni, filwaqt li ddikjaraw li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3094/95 ([8]), immodifikat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1904/96, kif ukoll il-linji gwida Komunitarji fil-qasam ta' l-għajnuna mill-Istat lit-trasport marittimu ta' l-1997, ġew ippubblikati wara l-adozzjoni tal-Liġi Nru 9/1996.

(31) Fit-tieni lok, l-Italja enfasizzat li l-miżuri previsti mil-Liġi Nru 9/1996 ma ġewx implimentati u li ma ttieħed ebda impenn finanzjarju fir-rigward ta' partijiet terzi. Barra minn hekk, l-Italja sostniet li l-miżuri previsti kienu neċessarji sabiex tkun affrontata l-assenza ta' ekonomija ta' skala fis-settur tat-trasport marittimu ta' merkanzija u ta' passiġġieri f'reġjun ġeira, bħal Sardinja.

(32) Fil-konklużjoni tagħhom, l-awtoritajiet Taljani ddikjaraw li huma disponibbli li jimmodifikaw it-test tal-liġi u li jirrispettaw ir-regolamenti Komunitarji kollha fis-seħħ.

4. EVALWAZZJONI TA' L-GĦAJNUNA

4.1. **Evalwazzjoni ta' l-iskema oriġinali applikabbli fil-perjodu 1988-1996**

Eżistenza ta' għajnuna illegali ġdida mill-Istat

(33) Il-Kummissjoni ssostni li l-awtoritajiet Taljani, minħabba li ma nnotifikawx l-iskema ta' għajnuna kkonċernata favur il-kumpaniji rreġistrati f'Sardinja bil-għan li jibnu, jixtru, jittrasformaw, jimmodifikaw jew isewwu bastimenti, kisru l-obbligu li hemm referenza għalih fl-Artikolu 88(3), tat-Trattat (qabel kien l-Artikolu 93(3)). Fil-fatt, anki jekk l-iskema ġiet implimentata qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat, il-Liġi Nru 11/1988 immodifikat b'mod konsiderevoli l-iskema ta' għajnuna li ġiet introdotta mil-Liġijiet Nru 20/1951 u Nru 15/1954. Għaldaqstant, il-modifiki li ġew introdotti fl-1988 suppost li ġew innotifikati lill-Kummissjoni u għalhekk jikkostitwixxu għajnuna ġdida mhux innotifikata. Din il-kwalifikazzjoni min-naħa l-oħra ma ġietx ikkontestata mill-awtoritajiet Taljani fil-kummenti tagħhom ippreżentati wara t-tnedija tal-proċedura ta' l-24 ta' Ġunju 1996 u, b'konsegwenza ta' dan, hija ġiet ikkonfermata fid-deċiżjoni preżenti.

(34) Il-Kummissjoni kkontestat li l-miżura li qiegħda tiġi eżaminata tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skond l-Artikolu 87(1) tat-Trattat. Fil-fatt, il-kumpaniji ta' Sardinja bbenefikaw minn rati konċessjonarji ta' l-imgħax fir-rigward tar-rati fis-suq u mit-tnaqqis ta' l-ispejjeż l-oħrajn relatati f'dak li għandu x'jaqsam mas-self u mal-kiri finanzjarju; għaldaqstant, huma bbenefikaw mill-esklużjoni ta' piż finanzjarju li suppost, f'kondizzjonijiet normali, kellhom jerfgħu. Il-Kummissjoni tosserva li dan il-piż ġie ffinanzjat minn riżorsi ta' l-Istat u li l-għajnuna kienet selettiva minħabba li din kienet irriservata għal kumpaniji operattivi fis-settur tan-navigazzjoni u stabbiliti f'Sardinja.

(35) Il-Kummissjoni tosserva wkoll li l-miżura taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. L-iskema li ġiet implimentata mill-awtoritajiet Taljani fil-fatt għandha x'taqsam mal-kumpaniji ta' Sardinja ta' trasport bil-baħar b'mod ġenerali, kemm dawk li jwettqu attivitajiet ta' kabotaġġ kif ukoll dawk li jwettqu trasport internazzjonali. Jekk huwa minnu li r-Regolament Nru 3577/92 ([9]), li lliberalizza s-suq tas-servizzi marittimi ta' kabotaġġ ġewwa l-Komunità, eskluda l-liberalizzazzjoni tal-kabotaġġ malgżejjer tal-Mediterran sa l-1 ta' Jannar 1999, huwa minnu wkoll li dan ir-Regolament ma jeskludix millkamp ta' applikazzjoni tiegħu stess id-distorsjoni talkummerċ fis-suq tas-servizzi marittimi bejn Stati Membri differenti, b'mod partikolari bejn Franza, Spanja u l-kontinent ta' l-Italja. F'dan ir-rigward, ta' min wieħed jinnota li l-għajnuna kkonċernata ma kenitx tillimita ruħha għallkabotaġġ, jiġifieri għas-servizzi marittimi li jiġu pprovduti ġewwa l-ibħra territorjali Taljani, li ġie lliberalizzat mill-1.1.1999, iżda kellha x'taqsam anki mal-kumpaniji ta' Sardinja ta' trasport bil-baħar li kienu jipprovdu servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali li ġew illiberalizzati sa mill-1986 ([10]), u li għaldaqstant setgħu joperaw f'sistemi kompetittivi ma' operaturi Komunitarji oħrajn.

(36) Fil-fatt, mit-tagħrif li għandha l-Kummissjoni ([11]), jirriżulta li bejn l-1992 u l-1997, kien jeżisti fost affarijiet oħrajn traffiku marittimu ta' bastimenti merkantili (u bastimenti ta' kruċieri), li jitilqu u li jaslu fil-portijiet ta' Sardinja, diretti lejn destinazzjonijiet Komunitarji u mhux Komunitarji oħrajn jew provenjenti minnhom. B'mod partikolari, ta' min wieħed isemmi l-preżenza ta' kumpanija Franċiża li kienet topera minn Toulon lejn Sardinja u ta' żewġ kumpaniji Taljani li kienu joperaw minn Korsika lejn Sardinja. Dawn iċ-ċirkostanzi juru li f'dak il-perjodu (bejn l-1988 u l-1996) kienet teżisti distorsjoni fuq il-kummerċ ta' servizzi internazzjonali tat-trasport marittimu bejn l-Italja u ċerti Stati Membri.

(37) Fl-aħħar ittra tagħhom tat-8.3.2007, l-awtoritajiet Taljani jsostnu li l-finanzjamenti li ġew konċessi skond il-liġi 11/1988 kellhom x'jaqsmu "max-xiri ta' bastimenti b'tunnellaġġ gross li jinkludi bejn l-24 u l-138 tunnellata"; dawn il-bastimenti kienu prinċipalment iddestinati għal attivitajiet ta' trasport marittimu kostali f'suq li dak iż-żmien kien għadu m'huwiex miftuħ għall-kompetizzjoni. Minkejja dan, jirriżulta li millinqas f'żewġ każijiet l-iskema ġiet applikata għall-finijiet ta' xiri ta' laneċ immirati għat-trasport ta' passiġġieri u karozzi bejn Sardinja u l-kontinent, li setgħu jikkompetu ma' operaturi nazzjonali u Komunitarji oħrajn. L-awtoritajiet Taljani ddikjaraw li m'għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom ebda tagħrif relatat mat-traffiku ta' passiġġieri u merkanzija bejn Sardinja u l-bqija ta' l-Italja, fuq naħa waħda, u bejn Sardinja u pajjiżi Komunitarji oħrajn, fuq in-naħa l-oħra, għall-perjodu kkonċernat.

([8]) Cfr. għan-nota f'qiegħ ta' paġna Nru 5.

([9]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 tas-7 ta' Diċembru 1992 li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu), ĠU L 364, 12.12.1992.

([10]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4055/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 li japplika l-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tat-trasport marittimu bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, ĠU L 378, 31.12.1986.

([11]) Tagħrif li ġie rreġistrat mill-awtoritajiet tal-port ta' Olbia.

(38) Barra minn hekk, ta' min wieħed jinnota li r-Regolament Nru 3577/92 dwar il-kabotaġġ lanqas ma kien jeskludi l-eżistenza tal-kompetizzjoni bejn kumpaniji fis-suq tat-trasport marittimu bejn Sardinja u l-peniżola Taljana fil-perjodu qabel l-1 ta' Jannar 1999, minħabba li l-kumpaniji barranin kellhom id-dritt li jipprovdu servizzi ta' kabotaġġ marittimu fl-Italja, filwaqt li jirreġistraw il-bastimenti tagħhom f'dak l-Istat Membru, imma mingħajr ma setgħu jibbenefikaw mill-iskema ta' għajnuna rriservata għall-proprjetarji ta' bastimenti ta' Sardinja. Din l-iskema, imbagħad, kellha l-effett li tiskoraġġixxi lill-kumpaniji ta' trasport bil-baħar ta' Stati Membri oħrajn milli jiftħu kumpaniji sussidjarji tan-negozju fl-Italja sabiex jipprovdu servizzi ta' kabotaġġ marittimu flimkien ma' Sardinja, filwaqt li jitqies il-fatt li f'kull każ ma setgħux jibbenefikaw mill-għajnuna kkonċernata u li kienu jispiċċaw jikkompetu ma' operaturi oħrajn li setgħu jiksbu din l-għajnuna.

Inapplikabiltà tad-derogi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 87, il-paragrafi 2 u 3

(39) Minħabba r-raġunijiet li ġejjin, ma tista' tiġi applikata ebda waħda mid-derogi previsti mill-Artikolu 87, il-paragrafi 2 u 3 (qabel kien l-Artikolu 92, il-paragrafi 2 u 3).

(40) L-awtoritajiet Taljani jiddikjaraw li l-għajnuna kienet tkun neċessarja sabiex tippermetti l-iżvilupp ta' reġjun ikkaratterizzat minn kondizzjonijiet ekonomiċi diffiċli.

(41) Għalkemm Sardinja hija reġjun ammissibbli għall-għajnuna reġjonali, id-deroga prevista mill-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat, ma tistax tkun applikabbli minħabba li l-għajnuna kkonċernata ma ġietx konċessa bħala għajnuna maħsuba biex tippromwovi l-iżvilupp reġjonali, iżda tillimita ruħha li tiffavorixxi biss il-kumpaniji ta' trasport bil-baħar. Fil-fatt, l-awtoritajiet Taljani ma wrewx biżżejjed b'liema mod l-iskema ta' għajnuna favur kumpaniji marittimi ta' Sardinja ppermettiet l-iżvilupp tar-reġjun skond ir-regolamenti Komunitarja applikabbli dak iż-żmien, jiġifieri l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-metodu ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 92(3, l-ittri a) u c), għall-għajnuna reġjonali ([12]). Anki jekk ir-reġjun ta' Sardinja jidher fuq il-lista ta' reġjuni proposti għall-finijiet ta' l-Artikolu 92(3)(a), (cfr. għall-Anness I tal-Komunikazzjoni msemmija hawn fuq), ma ntweriex la li l-miżura kienet neċessarja minħabba li kienet isservi ta' għajnuna għall-investimenti inizjali jew għall-ħolqien ta' impjiegi, lanqas li setgħet tiġi kkunsidrata bħala għajnuna għall-operat, limitata fiż-żmien u mmirata li tikkumpensa żvantaġġi partikolari jew permanenti tar-reġjun, filwaqt li tippermetti żvilupp sostenibbli u bbilanċjat mingħajr ma tikkawża eċċess ta' kapaċità fis-settur ikkonċernat.

(42) Barra minn hekk, il-komunikazzjoni tiddikjara li kull tip ta' għajnuna reġjonali trid tirrispetta l-linji gwida Komunitarji previsti għal ċerti setturi industrijali bħal dak tal-bini ta' bastimenti, li ma jaqax taħt l-iskema ta' għajnuna kkonċernata, kif se jintwera iktar 'il quddiem.

([12]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-metodu ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 92(3)(a) u (c), b'mod partikolari l-Artikolu I(6 (ĠU C 212, 12.8.1988), li ġiet immodifikata fl-1990 u fl-1994 (ĠU C 163, 4.7.1990 u ĠU C 364, 20.12.1994).

(43) Għaldaqstant, l-għajnuna ma tistax tibbenefika mid-deroga ta' l-Artikolu 87(3)(a).

(44) Lanqas ma tista' tiġi invokata d-deroga ta' l-Artikolu 87(3)(c), relatata ma' l-għajnuna maħsuba biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi, minħabba li l-iskema kkonċernata ma tirrispettax il-linji gwida Komunitarji fis-seħħ fil-perjodu 1988-1996. Ir-regolamenti kkonċernati dak iż-żmien fis-seħħ, jiġifieri l-Anness I, l-Artikolu II, tal-linji gwida ta' l-1989 dwar l-għajnuna mill-Istat lill-kumpaniji ta' trasport bil-baħar ([13]), fil-fatt kienu jipprevedu li din l-għajnuna setgħet tiġi konċessa bil-kondizzjoni li ma tbiddilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ b'mod avvers fir-rigward ta' l-interess komuni. Il-paragrafu sebgħa tal-linji gwida msemmija hawn fuq jgħid "…L-interess komuni kien meġħjun minn miżuri mmirati l-ewwel u qabel kollox lejn il-manutenzjoni tal-bastimenti li jtajru l-bandiera Komunitarja, jiġifieri f'kuntrast mat-tendenza li jtajru bnadar ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari billi jtejbu t-tagħmir teknoloġiku u, fittieni lok, jimpjegaw l-ikbar għadd possibbli ta' baħrin Komunitarji abbord dawn il-bastimenti". Fil-każ ikkonċernat, l-awtoritajiet Taljani ma pprovdewx biżżejjed tagħrif sabiex juru li l-iskema oriġinali tar-reġjun ta' Sardinja setgħet tiġi ġġustifikata permezz tat-titjib tassigurtà tal-bastimenti jew tal-protezzjoni ta' l-impjieg ta' baħrin Komunitarji.

(45) Barra minn hekk, l-Anness I, l-Artikolu II(6), tal-linji gwida ta' l-1989 dwar l-għajnuna mill-Istat lill-kumpaniji ta' trasport bil-baħar imsemmija hawn fuq kien jipprevedi li l-għajnuna setgħet tingħata lil dawn il-kumpaniji għall-bini, għat-trasformazzjoni jew għat-tiswija ta' bastimenti bil-kondizzjoni biss li tiġi kkalkulata fi ħdan il-limiti stabbiliti mir-regolamenti Komunitarji u b'mod partikolari mid-Direttiva tal-Kunsill 87/167/KEE, tas-26 ta' Jannar 1987, dwar l-għajnuna għall-bini tal-bastimenti ([14]) u sussegwentement mid-Direttiva tal-Kunsill 90/684/KEE ([15]) u mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3094/95 ([16]). L-Artikolu 4 tad-Direttiva 87/167/KEE jistabbilixxi dan li ġej: L-għajnuna għall-manifattura favur il-bini u t-trasformazzjoni ta' bastimenti tista' tiġi kkunsidrata kompatibbli mas-suq komuni bil-kondizzjoni li l-ammont totali ta' l-għajnuna mogħtija lil kuntratt individwali ma jaqbiżx, f'termini ta' sussidju ekwivalenti, limitu komuni mfisser f'perċentwal tal-valur kuntrattwali qabel ma tingħata l-għajnuna, minn hawn 'il quddiem "limitu".

(46) F'dan ir-rigward, hija responsabiltà ta' l-awtoritajiet nazzjonali li jiggarantixxu r-rispett tar-regolamenti Komunitarji reletata ma' l-għajnuna għat-tarzni, regolamenti li ma jistgħux jiġu dderogati mill-Kummissjoni. Ladarba jikkostitwixxi, b'mod evidenti, kondizzjoni ta' kompatibiltà ta' l-għajnuna kkonċernata, ir-rispett tar-regolamenti Komunitarji jrid jintwera mill-Istat Membru li jipprovdi "l-elementi kollha li jippermettu [lill-Kummissjoni] li tivverifika li qegħdin jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet tad-deroga mitluba" (CGCE), l-Italja/il-Kummissjoni, il-kawża C-364/90, rapporti tal-Qorti Ewropea 1993, paġni I-2097, il-punti 20 et seq.).

([13]) SEC (89) 921, 3.8.1989.
([14]) ĠU L 69, 12.3.1987, p. 55.
([15]) ĠU L 380, 31.12.1990, p. 27.
([16]) ĠU L 332, 30.12.1995, p. 1. Ir-Regolament immodifikat mir-Regolament (KE) Nru 1904/96, (ĠU L 251, 3.10.1996, p. 5).

(47) Billi l-awtoritajiet Taljani ma pprovdew ebda tagħrif dwar il-fatt jekk l-ammont totali ta' l-għajnuna li ġiet konċessa jirrispettax il-limitu previst mill-Artikolu 4 tad-Direttiva 87/167/KEE [17] u, fl-assenza u kull tip ta' tagħrif ieħor relatat mal-konformità tal-miżura oriġinali kemm mad-Direttiva msemmija kif ukoll ma' l-Artikolu 5, tar-Regolament (KE) Nru 3094/95 [18], il-Kummissjoni se jkollha tikkonkludi li l-għajnuna lanqas m'hija konformi mar-regolamenti dwar il-bini tal-bastimenti [19].

(48) Barra minn hekk, dawn id-derogi jistgħu jiġu invokati sabiex tiġi awtorizzata skema ta' għajnuna li tmur kontra l-prinċipji ġenerali tat-Trattat. Fil-fatt, il-Kummissjoni ssostni li l-iskema ta' għajnuna għall-proprjetarji tal-bastimenti ta' Sardinja hija inkompatibbli mal-liġi Komunitarja minħabba l-fatt li bosta mill-kondizzjonijiet supplimentari li ġew introdotti mil-Liġi Nru 11/1988 jiksru l-prinċipji fundamentali tal-libertà ta' stabbiliment (l-Artikolu 52) u tal-projbizzjoni ta' kull tip ta' diskriminazzjoni fuq bażi tan-nazzjonalità (l-Artikolu 6 u l-Artikolu 48(2)).

(49) Fil-fatt, fir-rigward tal-vjolazzjoni ta' l-Artikolu 52 tat-Trattat, l-iskema ta' għajnuna kienet tistabbilixxi mhux biss li l-kumpanija benefiċjarja kellha tkun stabbilita f'Sardinja, iżda wkoll li l-kwartieri ġenerali amministrattivi u l-attivitajiet ta' trasport marittimu, kif ukoll eventwalment, l-imħażen prinċipali, id-deposti u t-tagħmir aċċessorju kellhom ikunu b'mod permanenti f'wieħed mill-portijiet tar-reġjun. Barra minn hekk, din kienet tipprevedi li l-bastimenti kollha tal-kumpanija benefiċjarja (u mhux biss dawk li għalihom kien jiġi konċess self f'konformità ma' l-iskema) kellhom ikunu rreġistrati f'Sardinja.

(50) Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-Artikolu 99(e) tal-Liġi 11/1988, u kif ġie indikat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Ottubru 2000 (il-punt 19), fil-każ tal-bastimenti b'tunnellaġġ gross superjuri għal 250 tunnellata, il-kumpanija kellha timpjega kontinġent minimu ta' baħrin irreġistrati fir-roster ġenerali tal-port ta' l-armamenti tal-bastimenti ta' Sardinja. Għaldaqstant, il-kumpanija benefiċjarja kellha l-obbligu li timpjega perċentwal iddeterminat ta' baħrin lokali, anki li kieku baħrin ta' provenjenza oħra kellhom il-ħila li jwettqu x-xogħol previst, filwaqt li b'dan il-mod kienet qiegħda tikser il-prinċipju li jipprojbixxi kull tip ta' diskriminazzjoni fuq bażi tan-nazzjonalità. Wieħed jista' jikkonkludi li l-għajnuna kkonċernata tmur kontra l-prinċipji fundamentali tal-liġi Komunitarja.

4.2. **Evalwazzjoni ta' l-iskema oriġinali mmodifikata b'konsegwenza tal-Liġi Nru 9 tal-15 ta' Frar 1996 fis-seħħ mill-1996**

Eżistenza ta' għajnuna mill-Istat

(51) Il-Kummissjoni ssostni li l-iskema mmodifikata mil-Liġi Nru 9/1996 tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, skond l-Artikolu 87(1), minħabba l-motivazzjonijiet li ġejjin: a) il-kumpaniji benefiċjarji tneħħielhom piż finanzjarju li normalment ikollhom jerfgħu, permezz ta' konċessjonijiet fuq ir-rati ta' l-imgħax u fuq spejjeż oħrajn irrelatati ma' self u ma' kiri finanzjarju; b) dan il-piż ikompli jiġi ffinanzjat minn riżorsi ta' l-Istat; c) l-għajnuna hija selettiva minħabba li hija dejjem riservata għal kumpaniji li joperaw fis-settur tan-navigazzjoni u d) il-miżura taffettwa l-kummerċ bejn Stati Membri minħabba li l-iskema mmodifikata għandha x'taqsam mal-kumpaniji ta' trasport bil-baħar bil-għan li jixtru, jibnu u li jittrasformaw bastimenti għat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri li għandhom bħala punt ta' tluq u ta' wasla r-reġjun ta' Sardinja u ġżejjer oħrajn ta' Sardinja. Fil-fatt, kif diġà ġie indikat hawn fuq, il-kumpaniji li jistgħu jibbenefikaw mill-għajnuna ma joperawx biss fis-suq tal-kabotaġġ, li ġie lliberalizzat sa mill-1.1.1999, iżda wkoll fis-suq tat-trasport marittimu internazzjonali, li ġie lliberalizzat sa mill-1986 [20]. F'kull każ m'hemm ebda dubju dwar il-fatt li din l-iskema, sakemm għadha s'issa fis-seħħ, tkompli taffettwa l-kompetizzjoni f'settur li ġie lliberalizzat għal kollox sa mill-1999.

(52) Fuq il-bażi tat-tagħrif li ġie pprovdut mill-awtoritajiet Taljani f'Ottubru 1996 u f'Jannar 1997, ebda benefiċjarju ma rċieva għajnuna skond il-Liġi Nru 9/1996. Minħabba l-fatt li din l-għajnuna ma ġietx konċessa fl-imgħoddi, il-Kummissjoni ssostni li m'hemmx għalfejn li fid-deċiżjoni preżenti tiġi evalwata l-kompatibiltà mar-regolamenti Komunitarji dak iż-żmien fis-seħħ. Madankollu, minħabba li din l-għajnuna tista' tiġi konċessa fil-ġejjieni, huwa neċessarju li tiġi vverifikata l-kompatibiltà tagħha mar-regolamenti Komunitarji fis-seħħ, jiġifieri l-Linji Gwida Komunitarji fil-qasam ta' l-għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu ta' l-2004 [21] (minn hawn 'il quddiem: "il-linji gwida Komunitarji ta' l-2004").

---

[17] L-Artikolu 4 jipprevedi dan li ġej: L-għajnuna għall-manifattura favur il-bini u t-trasformazzjoni ta' bastimenti tista' tiġi kkunsidrata kompatibbli mas-suq komuni bil-kondizzjoni li l-ammont totali ta' l-għajnuna mogħtija lil kuntratt individwali ma jaqbiżx, f'termini ta' sussidju ekwivalenti, limitu komuni mfisser f'perċentwal tal-valur kuntrattwali qabel ma tingħata l-għajnuna, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "limitu".

[18] Il-paragrafu 1: Għajnuna għall-bini tal-bastimenti u konverżjoni tal-bastimenti, mogħtija lil sidien tal-bastimenti jew terzi persuni fil-forma ta' self mill-Istat u garanziji jistgħu jitqiesu kompatibbli mas-suq komuni jekk dawn jaderixxu mal-Ftehim ta' l-OECD dwar Kreditu ta' esportazzjoni għall-bastimenti [7] jew ma' xi ftehim li jemenda jew jieħu post dan il-ftehim. […]. Il-paragrafu 3: Għajnuna mogħtija minn Stat Membru lis-sidien tal-bastimenti tagħha jew lil terzi persuni f'dak l-Istat għall-bini jew konverżjoni ta' bastimenti ma' tistax tfixkel jew thedded illi tfixkel il-kompetizzjoni bejn tarzni f'dak l-Istat Membru u postijiet fejn jinbnew il-bastimenti fi Stati Membri oħra fit-tqegħid ta' ordnijiet.

[19] Min-naħa l-oħra, f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-applikazzjoni tar-regolamenti dwar il-bini ta' bastimenti, ta' min wieħed josserva, bħalma sostna l-Avukat Ġenerali fil-konklużjonijiet tiegħu (il-punti 34-38), li għalkemm għajnuna għall-bini tal-bastimenti tista' tinkludi għajnuna lill-proprjetarji tal-bastimenti, il-Kummissjoni kkunsidrat b'mod korrett l-iskema ta' għajnuna ta' l-1988 bħala għajnuna lill-proprjetarji tal-bastimenti li għandha tiġi eżaminata biss fid-dawl ta' l-obbligu l-inqas oneruż impost mit-Trattat, minħabba li l-awtoritajiet Taljani kisru l-obbligu ta' notifika li hemm referenza għalih fl-Artikolu 11 tad-Direttiva indikata hawn fuq.

[20] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4055/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 li japplika l-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tat-trasport marittimu bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, ĠU L 378, 31.12.1986.

[21] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C(2004)43 – Linji Gwida Komunitarji fil-qasam ta' l-għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu, ĠU C 13, 17.1.2004.

Inkompatibiltà ta' l-iskema mmodifikata

(53) L-iskema mmodifikata ta' għajnuna la għad fiha dispożizzjonijiet li jinvolvu diskriminazzjoni fuq bażi tan-nazzjonalità, lanqas vjolazzjoni tal-prinċipju ta' stabbiliment. Madankollu, il-Kummissjoni ssostni li l-iskema mmodifikata ma tissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti mil-Linji Gwida Komunitarji ta' l-2004 u li ma tistax tibbenefika mid-derogi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 87(3, l-ittri a) u c), minħabba r-raġunijiet li ġejjin.

(54) Bl-applikazzjoni tal-paragrafu 5 tal-linji gwida Komunitarji ta' l-2004, b'mod ġenerali, l-għajnuna li tingħata għar-rinnovament tal-flotta, fil-fatt, hemm it-tendenza li tikkawża distorsjoni tal-kompetizzjoni. F'dan il-każ speċifiku, il-Kummissjoni ssostni li l-għajnuna kkonċernata ma taqax fi ħdan riforma strutturali mmirata li tnaqqas il-kapaċità globali u li din lanqas m'hija mmirata li ttejjeb it-tagħmir abbord il-bastimenti jew li tippromwovi l-użu ta' bastimenti mgħammra b'iktar sigurtà. F'dan ir-rigward, iċ-ċirkostanza li skond l-iskema mmodifikata ta' għajnuna, l-għajnuna hija ddestinata għal mezzi "innovattivi ta' trasport u għal teknoloġija avvanzata" ma tippermettix li jiġi evalwat, fl-assenza ta' definizzjoni ta' dawn it-teknologiji u ta' l-ispejjeż relatati, id-dħul fis-seħħ effettiv tal-modifika li tkun ġiet introdotta.

(55) Il-Kummissjoni ssostni li l-iskema lanqas ma tista' tiġi kkwalifikata bħala għajnuna reġjonali skond il-paragrafu 6 tal-linji gwida Komunitarji reġjonali. Fil-fatt, minħabba li Sardinja hija reġjun żvantaġġat, l-awtoritajiet Taljani ma wrewx biżżejjed la li r-reġjun se jieħu vantaġġ mill-iskema kkonċernata (il-kapitolu 5(4), tal-linji gwida Komunitarji ta' l-2004), lanqas li l-iskema hija konformi mar-regolamenti Komunitarji fis-seħħ dwar l-għajnuna reġjonali ([22]).

(56) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssostni li, minħabba r-raġunijiet li diġà ngħataw, l-iskema ta' għajnuna tikkawża preġudizzju lill-ekonomija ta' Stati Membri oħrajn u distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn Stati Membri b'mod li jmur kontra l-interess komuni (l-Artikolu 2 tal-linji gwida Komunitarji ta' l-2004).

(57) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li, skond il-linji gwida Komunitarji ta' l-2004, għajnuna eventwali għall-investimenti trid tkun konformi mad-dispożizzjonijiet Komunitarji applikabbli fis-settur tal-bini ta' bastimenti, jiġifieri r-Regolament (KE) Nru 1540/98 ([23]). Ta' min wieħed jinnota li l-Artikolu 3(1), ta' dan ir-Regolament jistqarr: "Sal-31 ta' Diċembru 2000, l-għajnuna għall-manifattura favur kuntratti ta' bini u ta' trasformazzjoni ta' bastimenti, iżda mhux favur ta' tiswija ta' bastimenti, tista' tiġi kkunsidrata kompatibbli mas-suq komuni, bil-kondizzjoni li l-ammont totali ta' l-għajnuna konċessa lil kuntratt individwali (inkluż is-sussidju ekwivalenti ta' kull tip ta' għajnuna li tiġi konċessa lill-proprjetarju ta' bastiment jew lil partijiet terzi) ma jaqbiżx, f'termini ta' sussidju ekwivalenti, limitu komuni mfisser f'perċentwal tal-valur kuntrattwali qabel ma tingħata l-għajnuna […]". Filwaqt li tiġi kkunsidrata ċ-ċirkostanza li l-Italja ma pprovdiet ebda tagħrif relatat mal-fatt li l-ammont totali tat-tipi kollha ta' għajnuna li ġiet konċessa għal kuntratt speċifiku ma jaqbiżx, f'termini ta' sussidju ekwivalenti, limitu komuni mfisser f'perċentwal tal-valur kuntrattwali qabel ma tingħata l-għajnuna, huwa obbligatorju li wieħed jaċċerta ruħhu li l-miżura ma tirrispettax l-Artikolu 3(1).

(58) Barra minn hekk, skond l-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 1540/98: "L-għajnuna taħt l-għamla ta' faċilitajiet ta' kreditu li jiġu konċessi mill-Istat lil proprjetarji nazzjonali jew mhux nazzjonali ta' bastimenti jew lil partijiet terzi għall-bini jew għat-trasformazzjoni ta' bastimenti tista' tiġi kkunsidrata kompatibbli mas-suq komuni u li ma taqax fi ħdan il-limitu, ladarba tkun konformi mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' l-OECD (Organizzazzjoni tal-Koperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp) tat-3 ta' Awwissu 1981 (ftehim dwar kreditu għall-esportazzjoni ta' bastimenti) jew ma' ftehimiet sostituti eventwali jew ma' modifiki ta' dan il-ftehim". Madankollu, il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha tagħrif li jindika li l-għajnuna prevista mill-iskema mmodifikata tirrispetta r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' l-OECD tat-3 ta' Awwissu 1981.

(59) Skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1540/98, l-għajnuna li tiġi konċessa għall-innovazzjoni f'tarzni eżistenti ta' bini, trasformazzjoni u tiswija ta' bastimenti tista' tiġi kkunsidrata kompatibbli mas-suq komuni sa intensità massima f'termini ta' perċentwal gross ta' l-10 %, sakemm tiġi konċessa għal xogħol industrijali fir-rigward ta' prodotti u proċessi innovattivi li huma ġodda b'mod effettiv u sostanzjali, jew aħjar minn hekk li s-soltu ma jintużawx minn operaturi oħrajn tas-settur fl-Unjoni Ewropea, u li jkunu jinsabu f'riskju ta' nuqqas ta' suċċess teknoloġiku jew industrijali. Barra minn hekk, din l-għajnuna trid tillimita ruħha li tkopri l-ispejjeż għall-investimenti u l-attivitajiet ta' żvilupp li huma marbutin b'mod dirett u esklussiv mal-parti innovattiva tal-proġett u l-valur u l-intensità tagħha jridu jkunu limitati għall-minimu indispensabbli, filwaqt li jiġi kkunsidrat il-livell ta' riskju assoċjat mal-proġett. Issa, kif diġà indikat hawn fuq, iċ-ċirkostanza li skond l-iskema mmodifikata ta' għajnuna, l-għajnuna hija ddestinata għal mezzi "innovattivi ta' trasport u għal teknoloġija avvanzata" ma tippermettix li jiġi evalwat, fl-assenza ta' definizzjoni ta' dawn it-teknologiji u ta' l-ispejjeż relatati, id-dħul fis-seħħ effettiv tal-modifika li tkun ġiet introdotta. Konsegwentement, il-Kummissjoni trid tikkonkludi li lanqas l-iskema mmodifikata ta' għajnuna m'hija konformi mar-regolamenti dwar il-bini tal-bastimenti.

(60) Fl-aħħarnett, id-derogi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 92(3), l-ittri a) u c), ma jistgħux jiġu applikati minħabba li hija responsabiltà ta' l-awtoritajiet nazzjonali li jiggarantixxu r-rispett tar-regolamenti Komunitarji fil-qasam ta' l-għajnuna għat-tarzni, regolamenti li ma jistgħux jiġu dderogati mill-Kummissjoni. Ladarba jikkostitwixxi, b'mod evidenti, kondizzjoni ta' kompatibiltà ta' l-għajnuna kkonċernata, ir-rispett tar-regolamenti Komunitarji jrid jintwera mill-Istat Membru li jipprovdi l-elementi kollha li jistgħu jippermettu lill-Kummissjoni li tivverifika li qegħdin jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet tad-deroga mitluba.

([22]) Linji Gwida fil-qasam ta' l-għajnuna reġjonali mill-Istat 2007-2013, ĠU C 54, 4.3.2006, p. 13.

([23]) Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1540/98 tad-29.6.1998, dwar l-għajnuna għall-bini tal-bastimenti - ĠU L 202, 18.7.1998.

Konklużjonijiet

(61) Bħala konklużjoni, l-iskema oriġinali ta' għajnuna kif ġiet applikata matul il-perjodu 1988-1996 hija illegali u inkompatibbli mas-suq komuni.

(62) Jirriżulta li l-ammont totali ta' l-għajnuna li jitnissel mill-konċessjoni ta' self (għal ammont totali ta' ITL 12 697 450 000), li ġie konċess b'kondizzjonijiet konċessjonarji f'konformità mal-Liġi reġjonali Nru 11/1988, irid jiġi rrimborżat mill-benefiċjarji skond il-proċeduri u d-dispożizzjonijiet tal-liġi Taljana. Filwaqt li jiġi kkunsidrat il-fatt li ma ngħata ebda sussidju f'termini ta' kiri finanzjarju, m'hemmx għalfejn li dan jiġi rkuprat.

(63) L-għajnuna li trid tiġi rkuprata tinkludi l-imgħax mid-data li fiha dan tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji, sad-data ta' l-irkupru tiegħu.

(64) Minħabba l-fatt li l-Kummissjoni ma kellhiex la l-ħila li tikkwantifika b'mod dirett l-element ta' għajnuna lanqas l-ammont totali ta' l-għajnuna li trid tiġi rkuprata fejn jidħol kull benefiċjarju, hija responsabiltà ta' l-awtoritajiet Taljani li jiddeterminaw dawn l-elementi u li jikkomunikaw lill-Kummissjoni dawn l-ammonti li jridu jiġu rkuprati minn kull benefiċjarju.

(65) Fir-rigward ta' l-iskema ta' għajnuna mmodifikata mil-Liġi Nru 9/1996 u li ilha fis-seħħ sa mill-1996, il-Kummissjoni tinnota li ma ngħatat ebda għajnuna minn dik is-sena, iżda tikkonkludi li din l-iskema tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq komuni. Filwaqt li jiġi kkunsidrat il-fatt li ma ngħata ebda sussidju f'dan ir-rigward, m'hemmx għalfejn li dan jiġi rkuprat,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-għajnuna mill-Istat taħt l-għamla ta' self u kiri finanzjarju, li ġiet konċessa lill-kumpaniji ta' trasport bil-baħar f'konformità mal-Liġi tal-15 ta' Mejju 1951, Nru 20, tar-reġjun ta' Sardinja, fit-test immodifikat mil-Liġi ta' l-4 ta' Ġunju 1988, Nru 11 hija inkompatibbli mas-suq komuni.

Artikolu 2

1. L-Italja qiegħda tieħu l-miżuri kollha neċessarji għall-irkupru mill-benefiċjarji ta' l-għajnuna li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 1, li diġà tqiegħdet għad-dispożizzjoni tagħhom b'mod illegali u li tikkorrispondi għad-differenza bejn l-ammont totali li l-benefiċjarji suppost ħallsu għall-imgħax u l-ispejjeż relatati f'kondizzjonijiet normali tas-suq li kienu qegħdin jiġu applikati fid-data li fiha sar is-self, u l-ammont totali ta' l-imgħax u ta' l-ispejjeż relatati li fil-fatt tħallas mill-benefiċjarji stess.

2. L-irkupru jsir mingħajr ebda telf ta' żmien u skond il-proċeduri tal-liġi nazzjonali bil-kondizzjoni li dawn jippermettu l-eżekuzzjoni immedjata u effettiva tad-deċiżjoni preżenti. L-għajnuna li trid tiġi rkuprata tinkludi l-imgħaxijiet, li ġew konċessi mid-data li fiha l-għajnuna tqiegħdet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji sad-data ta' l-irkupru.

3. Fir-rigward tar-rati ta' self li jkunu għadhom għaddejjin sad-data tan-notifika tad-deċiżjoni preżenti, l-Italja tieħu miżuri sabiex isir il-ħlas ta' dawn l-imgħaxijiet minn min jissellef bil-kondizzjonijiet normali tas-suq.

Artikolu 3

L-iskema ta' għajnuna mill-Istat taħt l-għamla ta' self u ta' kiri finanzjarju, prevista favur il-kumpaniji ta' trasport bil-baħar mil-Liġi tal-15 ta' Mejju 1951, Nru 20, tar-reġjun ta' Sardinja, fit-test immodifikat mil-Liġi reġjonali Nru 9 ta' l-1996, hija inkompatibbli mas-suq komuni.

Artikolu 4

L-Italja tabolixxi l-iskema ta' għajnuna li hemm referenza għaliha fl-Artikoli 1 u 3.

Artikolu 5

Fi żmien xahrejn min-notifika tad-deċiżjoni preżenti, l-Italja għandha tikkomunika lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet li adottat sabiex tikkonforma magħha.

Artikolu 6

Ir-Repubblika Taljana hija d-destinatarju ta' din id-deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Lulju 2007.

Għall-Kummissjoni

JacquesBARROT

Viċi-President